MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Numru 7/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Albert Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputat Albert Attard ta' 38 sena bin Joseph u Riccarda nee' Bugeja imwieled Pieta' u residenti 'Santos' Triq Hal Qormi (Torretta), Sta. Venera detentur ta' karta ta' identita numru 80764(m) akkuzat talli bejn id-29 ta' Marzu 1996 u t-30 ta' Settembru 2000 fil-fond 52, Santos, Triq Hal Qormi Sta. Venera, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 (Lm285.972) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2. ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom (hsara stmata madwar Lm25).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament, mhux opposta mill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-akkuza principali tirrigwarda serq ta' kurrent elettriku, L-akkuza tal-hsara hija ancillari u dipendenti ghaliha. Hu allegat li s-serq sar bejn is-snin 1996 u l-2000. Hu fatt stabbilit li waqt l-ispezzjoni ghall-gharrieda li kienet saret mill-addetti tal-Korporazzjoni l-meter in kwistjoni nstab li kellu bicca nieqsa mill-ghatu tieghu u kellu zewg sigilli li ma kienux maghfusin bil-'pliers' tal-Enemalta. Lanqas ma jidher kkontestat li l-meter kien antik u li kien jirregistra l-konsum kif fil-fatt sabuh l-addetti tal-Enemalta. Issa, filwaqt li hu pacifiku li hemm presunzjoni li timmilita kontra s-sid u/jew detentur tal-fond fejn instab il-meter allegatament imbaghbas, fis-sens li hu prezunt is-serq, din il-presunzjoni hi wahda 'juris tantum'. Igifieri l-prosekuzzjoni ma tigix ezimi li tipprova hi, fl-ewwel lok, kemm il-fatt tal-irregolaritajiet fil-meter u kemm li l-imputat huwa s-sid u/jew detentur tal-fond fejn instab il-meter. Il-

grad tal-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi dik “minghajr dubbju dettat mir-raguni”. M’hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina din il-prova saret. Inghad dan pero’ huwa tant iehor pacifiku li jekk l-imputat jirnexxilu jelgheb il-presunzjoni mixhuta fuqu hu ghandu jigi liberat. Ghal dan il-fini hu sufficjenti li l-imputat jipprova fuq bazi ta’ probabilita’. F’dan il-kaz din il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat irnexxa f’din il-prova. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda tieghu mhux kontradetta li l-meter kien ingastat fil-hajt b’xi metru fuq kull genb; ukoll li l-meter kien ga installat ferm qabel ma’ l-imputat dahal jirrisjedi fil-post. Oltre dan in-natura tal-hsara fil-meter kombinat mal-fatt tac-cahda kategorika tieghu u fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja hu inverosimili li l-imputat kellu access ghall-wara tal-istess meter. Dwar is-sigilli l-fatt li ma kienux maghfusin bi ‘pliers’ tal-Korporazzjoni tenut kont li kien antik il-provi imkien ma jaslu biex juru li xi hadd baghbashom. Fuq kollox xejn ma jindika li l-istess sigilli kienu mill-bigu nett hekk maghfusin.

Illi dwar il-hsara hu alkwantu ovvju li l-ebda prova ma ngabet mill-prosekuzzjoni, li kuntrarjament u f’dan il-kuntest ghandha l-oneru kollu tal-prova, li kien l-imputat li ikkaguna din il-hsara. Dan qieghed jinghad mhux biss fid-dawl tar-riskontri fuq l-ewwel akkuza izda wkoll stante li ma jirrizulta minn imkien, anzi pjuttost l-oppost, li kien l-imputat li kkaguna l-hsara.

Konsegwentement u billi l-akkuzi ma jirrizultawx l-Qorti qeghdha tiddecidi l-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------